MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 324/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**KONTRA**

**WENZU FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Wenzu Farrugia ta' 69 sena, bin Giovanni u Guzeppa nee' Darmanin, mwieled Zurrieq nhar it- 23 ta' April 1941, residenti 29 Lornick, Triq Stefano Zerafa, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 282341M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ Lulju 2010 u jew fix- xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer ittanta li jhajjar lil ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel delitt ta’ korruzzjoni, fejn in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu gie mwieghed offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’ utli iehor, jew xi vantagg iehor, u l- iskop tal-hlas, tal- weghda jew tal- offerta, kien sabiex l- ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid- dmir tieghu li jaghmel;

2) U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi weighed, ta jew offra, sew b’ mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il- mod kif tiddeciedi persuna li hemm imsemmija fis- Sub Titolu (IV) tat- Titolu (lll) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l- influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il- persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma’ l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

L-imputat, li huwa ragel anzjan b' fedina penali nettissima, kellu l-izvintura li jipprova jottjeni vantagg ghal membru tal-familja tieghu biex tidhol bhala resident tad-dar tal-anzjani St Vincent de Paule. Sew jekk kienet genwinament bi zvista sew jekk ipprova jaghmel xi haga illecita, hu staqsa lil min kellu jkellem min-naha tal-awtoritajiet sabiex jassistih fl-allokazzjoni ta' post ghal gewwa d-dar indikata, u per kortesija staqsa kellux ihallas xi haga lill-istess ufficjal. Dan kollu huwa ammess fl-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat stess. Huwa fatt li l-ebda flus ma gie mhallas minn hadd f'dan il-kaz, izda l-offerta ta' flus fiha nfisha tammonta ghar-reat indikat. Madankollu, kif inhu evidenti f'dan il-kaz, ma jidher li kien hemm l-ebda hazen min-naha tal-imputat, ghalkemm l-injoranza tal-ligi ma hiex skuza. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ma tarax li hemm l-estremi biex tapplika sanzjoni ta' prigunerija f'dan il-kaz, izda ser taghti provvediment taht id-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 115 (a), 120 (2) u 121 A (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------